MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 144/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Micallef)**

**Vs**

**Clive Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Jannar, 2004 ghall-habta tat-3.10 hrs, f'Misrah il-5 t'Ottubru, Msida, u fi Triq M.A. Vassalli, Msida, u fi Triq Dun Karm, Msida, waqt li kien qed isuq vettura numru DAH-676 fl-imsemmija toroq, liema toroq huma regolati b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi:**
**1) naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;**

**2) saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;**
**3) saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;**
**4) saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Gunju, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli MVR 125, l-Artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, l-MVR 127, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu minn kull imputazzjoni lilu dedotta.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-qosor fis-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat mill-akkuzi minhabba nuqqas ta’ dehra tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni , minkejja li giet esebita riferta pozittiva fil-konfront taghhom , mentri li kellu jsir kien li l-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda li ma jkunux dehru skond il-ligi, okkorrendo anki billi tohrog mandat t’ arrest jew ta’ akkumpanjament kontra taghhom ghas-seduta li jmiss ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi kif jirrizulta mill-komparixxi (fol. 1) il-Prosekuzzjoni kellha zewg xhieda biex issostni l-akkuzi kontra l-appellat u cioe’ PS 1136 Fabian Fleri u PS 245 Keith Arnaud. Dawn kienu gew debitatament notifikati biex**

**jidhru fis-seduta tat-28 t' April, 2004 (fols. 2 u 3) , seduta li mid-dehra (ghax ma hemm ebda verbal fil-process li juri dan) jew ma saritx jew fiha ma dehrux dawn iz-zewg xhieda. Regghet umbaghad saret notifika mill-gdid lil dawn iz-zewg xhieda biex jidhru fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2004, kif jidher mir-riferti pozittivi a fols. 4 u 5 tal-process.**

**Meta fit-22 ta' Gunu, 2004, skond il-verbal tal-prime note (a fol. 6) deher l-akkuzat assistit minn Dr. Edward Gatt, id-difiza tablet il-liberatorja (Sic!) billi f' dawk il-proceduri sommarji x-xhieda tal-prosekuzzjoni f' zewg okkazzjonijiet naqsu li jitilghu jixhdu. Il-Qorti, wara li rat ir-riferta pozittiva taz-zewg Ufficjali in kwistjoni kemm ghas-seduta ta' dak in-nhar u dik precedenti , sabet lill-istess ufficjali hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti w kkundannathom ammenda ta' LM25 kull wiehed. Kif ukoll ordnat komunika ta' dak il-verbal lil Kummissarju tal-Pulizija. Gie ukoll verbalizzat li aktar tard – prezumibbilment wara li gja kienet inghatat is-sentenza appellata – deher is-Surgent 245 li spjega lill-Qorti li kien impenjat quddiem Awla ohra fl-istess Qorti w ghalhekk ma setax jattendi fil-hin . Il-Qorti ghalhekk irrevokat "contrario imperio" id-digriet taghha fil-konfront ta' dax-xhud biss.**

**Fis-sentenza appellata umbaghad jinghid biss :-**

***"Illi wara li rat id-dokumenti u semghet lill-partijiet;
Din il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi , qeghda tillibera lill-imsemmi Clive Debono minn kull imputazzjoni lilu dedotta."***

**Illi minn dan jidher car li l-Qorti lliberat minghajr biss ma semghet xhud wiehed tal-Prosekuzzjoni.**

**Issa f' l-ewwel lok jigi osservat li l-imputat u d-difiza tieghu ma kellha ebda dritt li titlob "il-liberatorja" (Sic!) ghaliex dan hu koncett legali w terminu li hu applikabbli biss fil-kompetenza civili. Kif gie min din il-Qorti ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Adrian

Previ” **[5.6.2003] u sentenzi ohra, din il-forma ritwalistika w dicitura nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u hi applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta’ kompetenza civili bl-artikoli 199 (2)(3) u 200 tal-Kap.12 u hija procedura ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali. Di fatti, ma jirrizulta minn imkien li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Kap.12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-artikoli tal-Kap.12 elenkati fl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta’ xiehda w provi , per ezempju .**

**Illi din il-Qorti filwaqt li tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qrati tal-Magistrati jistghu xi min daqqiet jinsabu fihom , cioe’ li ma jkunux jistghu jipprocedu biex jisimghu kawzi ghax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux , tara li dan ma jiggustifikax li dik il-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tghaddi ghas-sentenza. (Ara. Appelli Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Mario Saliba **[15.10.1982];; “**Il-Pulizija vs. Mario Magri” **[28.5.1993]; “**Il-Pulizija vs. Francis Callus**” [30.9.1993];** “Il-Pulizija vs. Anthony Zarb” **[22.10.1993]; “**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**.” [3.12.1993] u** “l-Pulizija vs. Francis Borg.” **[10.12.1993].)**
Illi rinfaccjata b’ dik is-sitwazzjoni, fejn l-unici zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni – it-tnejn Ufficjali tal-Pulizija - naqsu li jidhru meta hekk imsejjha, l-Ewwel Qorti kellha , apparti l-kundanna taghhom ghad-disprezz li hi gustament ghamlet, kellha tiddiferixxi l-kawza w tordna mandat t’arrest jew akkumpanjament kontra taghhom ghas-seduta li jmiss. Dan setghet ghamlitu ukoll fis-seduta tat-28 t’ April, 2004, jekk huma dak in-nhar ukoll ma kienux dehru . Dan ghaliex , kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri”** [5.1.1996], ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet me jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma ghandhhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu , imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz – kif ovvjament kienu z-zewg Surgenti f’ dan il-kaz – il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza

ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” [25.7.1994] u ohrajn ).

**Kif tajjeb issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe’ il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim.** “Il-Pulizija vs. Pierre Schembri” **[8.1.1996] u ohrajn.)**

**Illi hu minnu li mil-verbal tas-seduta in kwistjoni ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni insistiet ghal differiment jew li opponiet li l-kawza tinqata’, pero’ kif osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha ta’ Saviour Farrugia fuq citata :-**

*“…ghalkemm certament kien ikun ahjar u aktar prudenti li kieku t-talba ghal differiment giet formalment registrata , il-fatt li l-prosekuzzjoni pprezentat ir-riferta u ma rrinunzjajtx ghax-xhieda …..kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni riedet li dak ix-xhud jinstema’ .”*

**Illi ghalhekk hu ovvju li b’dak li sar il-Pulizija fil-kawza quddiem l-Ewwel Qorti giet impeduta milli ggib prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuzi , liema prova setghet tingieb skond il-ligi . Dan skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kap.9 jaghti dritt lill-Avukat Generali li jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gudikatura kriminali.**

**Din il-Qorti ghalhekk sejra takkolji l-appell ta’ l-Avukat Generali , pero’ ma taqbilx li ghandha tkompli tisma’ l-provi hi stess f’ dan l-istadju w dana biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami u ghalhekk filwaqt li sejra tirrevoka s-sentenza appellata, ser tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex**

**din tisma' u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi. ( ara. Appell Kriminali : "**Il-Pulizja vs. Saviour Farrugia" **fuq citata w ohrajn)**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti , prevja d-dikjarazzjoni li l-appell hu ben fondat qed tilqa' l-istess u thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata, izda biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-imputat appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, qed tirrimetti w tibghat l-atti processwali quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga' tinstema mill-gdid u tigi deciza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------